**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Numru 77/2025DC**

**Wara l-Ittra Ġudizzjarja datata l-10 ta' Jannar 2025 numru 70/2025 fl-ismijiet:**

***Awtorita tat-Turiżmu ta' Malta***

***vs***

***Carmel aħjar magħruf bħala Lino Pisani (KI 504459M)***

**Illum, 10 ta' April 2025**

**Il-Qorti**

Rat l-ittra uffiċjali preżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-10 ta' Jannar 2025 mill-Awtorita´ tat-Turiżmu ta' Malta (minn issa imsejħa "l-Awtorita") ai termini tal-artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta (minn issa imsejjaħ "il-Kap 12"), permezz ta' liema Carmel Pisani ġie interpellat iħallas s-somma ta' elf sitt mija wieħed u disgħin euro u għaxar ċenteżmu (€1,691.10) rappreżentanti drittijiet dovuta għall-liċenzja tal-istabbiliment turistiku bl-isem Don Quixote Bar f'Birkirkara.

Rat ir-rikors ta' Carmel Pisani (minn issa imsejjaħ "ir-Rikorrent"), preżentat fid-29 ta' Jannar 2025 permezz ta' liema u għar-raġunijiet hemm premessi qed jikkontesta dan il-kreditu tal-Awtorita.

Rat ir-risposta tal-Awtorita, preżentata fit-13 ta' Marzu 2025, permezz ta' liema fil-waqt li rrespinġiet kull kontestazzjoni tar-Rikorrent, in linea preliminari eċċepiet in-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti minħabba il-valur tal-oġġett tal-kawża.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar din l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorita.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

Illi jirriżulta ampjament mill-atti li l-pretensjoni tal-Awtorita hija likwidatat fl-ammont ta' elf sitt mija wieħed u disgħin euro u għaxar ċenteżmu (€1,691.10) u l-ittra uffiċjali tagħha ġiet preżentata fil-Qorti tal-Maġistrati. Dwar dawn il-fatti m'hemmx kontestazzjoni.

Illi l-Awtorita tikkontendi li ladarba l-pretensjoni tagħha hija għal ammont li jaqa' fil-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati, tant li l-ittra uffiċjali tagħha ġiet preżentata f'dik il-Qorti, kwalunkwe kontestazzjoni da parti tar-rikorrent fir-rigward trid issir ukoll quddiem il-Qorti tal-Maġistarti. L-Awtorita għalhekk tikkontendi li r-rikors odjern kellu jiġi preżentat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u mhux quddiem din il-Qorti.

Illi mis-sottomissjonijiet magħmula f'ismu jidher li r-Rikorrent qed jaqbel mal-Awtorita u jgħid li kien bi żvista li r-rikors ġie preżentat quddiem din il-Qorti. Hu jgħid ukoll pero li dan ma jġibx in-nullita tar-rikors li għandu jiġi rimess lill-Qorti kompetenti.

Illi m'hemmx dubbju li l-Awtorita għandha raġun fl-eċċezzjoni tagħha.

Illi skond l-artikolu 748(a) tal-Kap 12 meta talba hija għall-ħlas ta' somma determinata l-valur tal-oġġett fil-kawża hu determinat minn dik it-talba. Skont l-artikolu 47 tal-istess Kap 12 il-Qorti tal-Maġistrati għandha tisma' u tiddeċidi l-pretensjonijiet kollha sa l-ammont ta' ħmistax-il elf euro (€15,000).

Illi b'dan jiġi li l-Awtorita kienet korretta meta preżentat l-ittra uffiċjali in eżami fil-Qorti tal-Maġistrati. Hija korretta ukoll meta tgħid li l-kontestazzjoni tar-Rikorrent fir-rigward għandha tiġi ventilata quddiem dik l-istess Qorti u mhux quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li mhiex il-Qorti kompetenti.

Illi pero huwa korrett ukoll ir-Rikorrent meta jgħid li l-fatt li r-rikors ġie preżentat quddiem il-Qorti żbaljata ma jġibx in-nullita tiegħu imma l-Qorti għandha tirrimetti l-atti lil dik il-Qorti kompententi u ċioe il-Qorti tal-Maġistrati.

Illi fil-fatt l-artikolu 741(b) tal-Kap 12 jipprovdi li meta, għalkemm ta' ġurisdizzjoni tal-qrati ta' Malta, il-kawża tinġieb quddiem qorti diversa minn dik li għandha tieħu konjizzjoni tagħha u l-qorti tikkunsidra li l-eċċezzjoni hi ġustifikata, il-qorti għandha tordna li l-atti tal-proċeduri jiġu trasferiti lil dik il-qorti li hi tikkunsidra li għandha tieħdu konjizzjoni ta'dik il-kawża.

Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorita intimata** u tordna li l-atti tar-rikors odjern jintbagħatu għand ir-Registatur biex l-istess atti jiġu trasferiti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta).

Spejjez ta' din l-istanza jkunu a karigu tar-Rikorrent.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**